Network Dinji ta' Talb mal-Papa
MALTA

# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

Awwissu 2017

Merħba! Il-Papa jistieden lil kulħadd, ikun xi jkun it-twemmin tiegħu, sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu:

**Biex fi żminijietna, in-nies tal-arti, permezz tad-doni tagħhom, jgħinu lil kulħadd jiskopri s-sbuħija tal-ħolqien.**

**Ninġabar:**

Insib ambjent kwiet u pożizzjoni komda biex inħejji ruħi għat-talb. Insir konxju ta' dak li għaddej fija. Nieħu nifs fil-fond waqt li nagħraf li Alla qed iħares lejja u lejn ta' madwari b'għajnejn ta' mħabba.

**Fatt ċkejken:**



Fid-deżert Black Rock fin-Nevada, jiġi organizzat festival annwali bl-isem 'Burning Man Festival'. Eluf ta' persuni jattendu għal din iċ-ċelebrazzjoni ta' kreattività. Kull sena, f'dan il-festival jiġu esebiti ħafna xogħlijiet tal-arti, iżda waħda mill-iktar biċċiet ta' ispirazzjoni li kien hemm fl-edizzjoni tal-2016 kienet 'Love', xogħol l-iskultur Ukren Alexander Milov. Din l-iskultura tikkonsisti f'żewġ figuri kbar ta' adulti maħdumin minn vireg tal-ħadid, daharhom ma' xulxin. F'kull figura hemm tifel maqbud ġo fiha li qed jipprova jilħaq idejn it-tifel l-ieħor. Matul il-festival, il-figuri tat-tfal kienu jinxtegħlu ma' nżul ix-xemx. Milov jispjega li din l-istatwa qed tirrappreżenta kunflitt bejn raġel u mara, kif ukoll bejn l-espressjoni interna u esterna tal-kreazzjoni umana. Il-ġewwieni tal-adulti qiegħed jintwera fil-forma ta' tfal trasparenti li qed jippruvaw jilħqu jdejn xulxin minn bejn il-ħadid. Kif jibda jidlam, it-tfal jibdew jinxtegħlu. Id-dawl fit-tfal huwa simbolu tal-purità u s-sinċerità li ġġib lin-nies flimkien u tagħti ċ-ċans li jsewwu r-relazzjonijiet meta jasal il-mument tad-dlam. Dan l-artist huwa eżempju ċar ta' kif wieħed jista' jutilizza l-kapaċità tiegħu biex jgħinna nirriflettu fuq il-ħolqien ta' madwarna.

(Addattata minn http://www.boredpanda.com/burning-man-festival-adults-babies-love-aleksandr-milov-ukraine/)

**Naħseb ftit:**

Qatt ħarist lejn l-arti bħala mod kif jitwassal messaġġ dwar is-sbuħija tal-ħolqien, inkluż dak uman? Kemm infittex li nifhem is-sbuħija tal-ħolqien b'mezzi artistiċi?

**Nitlob:**

Mulej, nitolbok li tispira lill-artisti b'ideat innovattivi kif huma jistgħu juru s-sbuħija tal-ħolqien f'xogħolhom.

**Kliem ta' dawl:**

L-għan tal-arti mhux li tirrappreżenta l-apparenza esterna tal-affarijiet, imma s-sinifikat tal-ġewwieni tagħhom. *Aristotle*

**X'nista' nagħmel:**

Infittex xi xogħlijiet artistiċi u nara x'messaġġ qed iwasslu, forsi anke naqra dwar l-interpretazzjonijiet li ngħataw minn nies differenti.